# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Maria Dolores Carabott**

Illum, 15 ta Jannar, 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra **Maria Dolores Carabott** imwieleda fit-tletin (30) ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija u tnejn u sittin (1962), gewwa Malta u residenti 11, St. Benedict, Triq Joseph Burlo' Tarxien, Malta detentrici tal-karta tal-identita' numru 31263 M akkuzata talli

Bhala bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxi skond l-Att XXIII tal-1998 u regolamenti maghmula bis-sahha tal-istess Att, waqt spezzjoni b' sorpriza li sehhet fis-**27 ta' Lulju 2022** gewwa **Mr. Whippy Ice Cream Van, il-Bajja ta' San Tumas, Marsascala, Malta,** int jew impjegati tieghek jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghek, inqast li taghti jew tipproduci ricevuta fiskali permezz ta' cash register fiskali jew kotba ta' ricevuti fiskali manwali kif approvati mill-Kummissarju, li jikkonformaw mal-htigijiet specifikati fil-partita 10 tat-Tlettax-il Skeda li tinstab mal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond il-kumpens lilek imhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti, 1,2,3 u 10 tal-imsemmija Skeda u l-artikoli 51 u 77(a) u (e) u 81 u 82 tal-Att Nru. XXIII tal-1998.

Semghet ix-xhieda bil-gurament ta' Joanna Gauci li pprezentat ircevuta Dok JG, Dok JG1, rapport JG 2 fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2024;

Rat li l-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi fis-seduta tal-31 ta' Jannar, 2024;

Rat li l-imputata ghazlet li ma tixhidx;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat il-letter  to prosecute mill-Kummissarju tat-Taxxa datata 15 ta' Marzu, 2023 d-dettalji tar-Registrazzjoni tal-VAT ta' Maria Dolores Carabott ezebiti mill-Prosekuzzjoni.

Rat il-partiti 1,2,3 u 10 tat-Tlettax il- Skeda tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 51 u 77(a) u (e) u  81 u 82 tal-Att Nru. XXIII tal-1998, Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta .

Rat ix-xhiedha, d-dokumenti u l-atti kollha tal-kaz.

Ikkunsidrat

Provi tal-Prosekuzzjoni

**Joanna Gauci** , Revenue Revenue Inspector, Malta Tax and Customs Administration.

xehedet fis-seduta tal-31 ta' Jannar,, 2024.

Tixhed li l-ispezzjoni twettqet fis-27 ta' Lulju 2022 kienu hdejn ice-cream van, Mr Whippy, fil-Bajja ta' San Tumas, Marsascala,  u innutaw tmien persuni qed jixtru. Dawn il-persuni nefqu wiehed u ghoxrin ewro (€ 21). Tixhed "Taha xi haga mill-cash register u jigifieri ppancjat u fethitilha biex tiehu l-bqija, mela ma tatx l-ircevuta lill-customers u pprocedejna billi nistaqsuha biex naraw l-ahhar ircevuta li hija harget li kienet ta' 1 euro. Il-fiscal receipt ma kelliex Vat rates fuqha lanqas u staqsejnejha dak il- hin biex tohrog l-ammont it-tajjeb u cioe' € 21 li kienet is-somma."

Ix-xhud tezebixxi tikkonferma zewgt dokumenti, rcevuta ghal € 1  (Dok JG 2) u ircevuta ta' € 21 (Dok JG 1)li harget fuq it-talba tal-ispetturi tal-VAT.

Peress li l-persuna li kienet fil-vann kienet barranija u ma setghetx tikkomunika maghhom talbuha biex ikellmu s-sid tal-vann u minn fuq it-telephone kellmu lis-Sur Carabott u qalulu biex jghidilha biex dejjem tohrog ircevuta fiskali.

Ikkunsidrat,

F' dan il-kaz l-imputata giet akkuzata talli impjegat taghha jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom taghha, naqas li jaghti jew jipproduci ricevuta fiskali permezz ta' cash register fiskali jew kotba ta' ricevuti fiskali manwali kif approvati mill-Kummissarju.

Il-Qorti tfakkar illi hawnhekk ninsabu fil-kamp penali u apparti li minn jallega irid jipprova, l-livell ta' prova li trid tilħaq id-difiża hija dik tal-probabbli, filwaqt li l-livell tal-Prosekuzzjoni hija livell għola u cioe' 'l hinn kull dubju dettat mir-raġuni.

Ikkunsidrat

Mill-provi irrizulta li l-imputata hija l-persuna registrata mad-Dipartiment tal-VAT. L-imputata hija responsabbli skont il-ligi ghal impjegati jew persuni li tagixxi ghan-nom taghha. Illi f' dan il-kaz jirrizulta pprovat mix-xhieda okkulari li kien hemm persuna fil-gabbana taqdi lil klijenti. Il-ligi ma tirrikjediex li jkun ipprovat li l-persuna kienet impjegata imma huwa sufficjenti li jigi pprovat li kienet persuna qed tagixxi ghan-nom tal-persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxi.

Irrizulta ukoll li l-ispettur tal-VAT li xeheded f' dawn il-proceduri kienet prezenti meta sar il-bejgh ta' wiehed u ghoxrin ewro (€21) u gew ezebiti ukoll z-zewgt ircevuti tal-VAT wahda ta' ewro (€ 1) li giet ippancjata meta saret it-transazzjoni mal-klijenti u ohra ta' wiehed u ghoxrin ewro (€ 21)li giet ippancjata wara li l-ispetturi gibdu l-attenzjoni tal-persuna li kienet inkarigata mill-imputata biex tbiegh mill-vann tal-gelati.

Il-partita 2 tat-Tlettax il-Skeda li tinstab mal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud , Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi

" 2. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' din l-Iskeda, kull persuna litagħmel provvista ħlief għal provvista eżenti bla kreditu għandha, ħlief meta tenħtieġ li toħroġ fattura ta' taxxa għar-rigward ta' dik il-provvista, toħroġ riċevuta fiskali skont din l-Iskeda għall-kumpens lilha mħallas għal dik il-provvista, u dik ir-riċevuta fiskali għandha, sakemm ma tkunx inħarġet qabel ikun sar il-ħlas, tinħareġ u tingħata lill-persuna li tkun għamlet il-ħlas jew lill-persuna li tkun irċeviet il-provvista minnufih wara li jkun sar il-ħlas, sal-limitu ta' dak il-ħlas

:Iżda dwar provvista li għaliha ma jsir ebda ħlas iżda li titqies li tkunmagħmula bi ħlas skont it-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att, ir-riċevuta fiskali għandha tinħareġ fid-data li fiha ssir dik il-provvista."

Illi fil-kaz in ezami, l-ircevuta ma inhargitx la ghal provvista li inghatat u l-anqas prontament mal-bejgh imma biss wara li intalbet tinhareg mill-ispetturi tal-VAT.

Illi l-Qorti tqis li l-akkuza giet ipprovata skont il-ligi.

**Decide**

Ghaldaqstant l-Qorti wara li rat partiti 1,2,3 u 10 tat-Tlettax il- Skeda tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 51 u 77(a) u (e) u 81 u 82 tal-Att Nru. XXIII tal-1998, Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta . issib lil imputata **Maria Dolores Carabott** hatja tal- akkuzi migjuba kontra taghha u tikkundannaha ghal elf ewro multa (€ 1000).

Il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**